Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 43/2016

**Jacqueline Portelli**

**Vs**

**Gordon Camilleri**

22 ta Settembru, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €3,000 li qalet li hi bilanc minn somma akbar ta' flus li sellfitu brevi manu, u dan skont skrittura privata ffirmati mill-partijiet.

2. Il-konvenut cahad li hu debitur tal-attrici. Hu jsostni li kien inghata s-somma ta' €6,000 li kellhom jinghataw lil certu Olaf Cini. Il-flus tahom lil Grace Borg.

3. B'sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2016 it-Tribunal iddecieda:

   *"Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat, qieghed jilqa t-talba tarrikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lirrikorrenti l-ammont ta' tlett elef euro [€3,000] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe mit-8 ta' Frar, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.*

   *L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a karigu ta' l-intimat".*

4. Il-konvenut appella. L-aggravju tal-konvenuti hu li:
   - Qatt ma kien garanti ta' self;
   - L-iskrittura li giet prezentata mhijiex awtentika. L-attrici stess qalet li qatt ma ffirmatha;
   - Il-flus inghataw lill-konvenut sabiex ighaddihom lil Grace Borg. Il-flus issellfu lil Olaf Cini li min-naha tieghu kien hallas id-dejn;

5. L-attrici wiegbet:

   i. L-appell hu null ghaliex meta nghatat is-sentenza, ma tatx avviz li tixtieq tappella mis-sentenza (artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380).
   ii. Mhuwiex car x'inhuma l-aggravji.
   iii. Is-sentenza hi gusta u ghandha tigi konfermata.

6. L-ewwel eccezzjoni hi minghajr bazi. Mhemmx disposizzjoni li tghid li jekk ma jinghatax l-avviz li jissemma fl-artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380, l-appell hu null.

7. Il-qorti ma taqbilx mal-attrici li mhuwiex car x'inhuma l-aggravji. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-konvenut qieghed jilmenta mill-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal.

8. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Il-kwistjoni odjerna tirrisolvi ruhha dwar kredibbilita ta' xhieda. Ghandek min naha lir-rikorrenti tghid li hija ghaddiet l-ammont ta' €4,000 lil intimat u li huwa kien weghda li kien sejjer jaghtiha lura dan l-ammont fi zmien tlett ijiem u imbaghad ghandek lill-intimat li qal li dan l-ammont li huwa kien gabar minghand ir-rikorrenti ma kienx ghalih izda ghal Grace Borg li da parti taghha ghaddiethom lil Olaf Cini. It-Tribunal mehud kollox in konsiderazzjoni jaghti aktar kredibilita lix-xhieda tar-rikorrenti milli dik ta' l-intimat. Ma jaghmilx sens, fil-fehma tat-Tribunal, li l-intimat ha l-flus minghand ir-rikorrenti biex jghaddiehom lill-haddiehor u imbaghad, peress li hija baqghet ma ircevietx l-ammont minnha moghti, dan ihossu obbligat li jghati flejjes lir-rikorrenti ghax thassarha. Apparti dan, hemm ix-xhieda ta' oht ir-rikorrenti li qalet li meta l-intimat mar fejn il-vettura tar-rikorrenti sabiex jiehu l-flus hija semghet jghid lir-rikorrenti li huwa kien ser jghaddielha dan l-ammont lura fi zmien tlett ijiem. Ghal darb' ohra ma jaghmilx sens li l-intimat, li qal li dawn il-flus ma kienux ghalih, ighid lirrikorrenti li huwa kien ser jghaddi dawn il-flejjes lura lir-rikorrenti fi zmien tlett ijiem. Xi skop kellu biex jghid hekk l-intimat jekk mhux ghax huwa kien qieghed jobbliga ruhhu li jhallas dan l-ammont lir-rikorrenti? Ukoll, ixxhud Grace Borg qalet li l-intimat kien iffirma d-dokument li gie esebit a fol. 24 tal-process ghalkemm l-intimat jichad li l-firma li hemm fuq dak iddokument kienet tieghu. Finalment jekk dak li qieghed jghid l-intimat illi huwa sellef dawn l-€1,000 lir-rikorrenti ghax thassarha, l-ghala ma baghtilix dan it-tip ta' messagg bhala risposta meta hija baghtitlu sms fil-25 ta' Gunju, 2016 (fol. 38) li fih inghad "Gordon press li ma ghamiltlekx karta ta l-elf li tajtni ghandek dan messagg li tajtni elf". Anzi, l-ghada u cioe fis-26 ta' Gunju, 2015 hemm messagg iehor minghand ir-rikorrenti lejn l-intimat li jghid "Gordon jekk jogbok kif bqajna" (fol. 38). Dan il-messagg intbaghat l-ghaliex skont ir-rikorrenti, l-intimat kien qalilha li huwa kien ser ibiegh id-dinghy tieghu biex jissalda l-ammont misluf lilu. Dan il-fatt tal-bejgh tad-dinghy pero gie michud mil-intimat. It-Tribunal filwaqt li jaghti aktar affidibilita lix-xhieda tar-rikorrenti, mhux l-istess jista jghid ghar-rigward tax-xhieda ta' l-intimat. Illi ghalhekk, it-Talba odjerna giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk sejjer jghaddi biex jilqaha"*.

9. Hu evidenti li d-decizjoni tat-Tribunal mhijiex ibbazata fuq id-dokument JP1 a fol. 24.

10. M'hemmx kontestazzjoni li l-attrici tat il-flus lill-konvenut u li hallasha lura s-somma ta' elf ewro (€1,000). Fatti li fihom infushom jindikaw li l-konvenut issellef il-flus minghand l-attrici. Il-verzjoni tal-konvenut ma giet korraborata minn ebda xhud.

11. It-Tribunal ta r-ragunijiet li wassluh biex ighid li l-verzjoni tal-attrici kienet iktar kredibbli minn dik tal-konvenut. Din hi materja li taqa' fid-diskrezzjoni tat-Tribunal, iktar u iktar f'kaz bhal dan fejn ix-xhieda xehedu *viva voce*. Ir-ragunament tat-Tribunal jidher logiku meta tqies li:

- Il-konvenut stess hallas lura lill-attrici s-somma ta' €1,000;

- Fil-25 ta' Gunju 2015 l-attrici baghtitlu messagg mill-mobile taghha li jaqra: *"Gordon peress li ma ghamiltlekx karta tal-elf li tajtni, ghandek dan il-messagg li tajtni l-elf"*.
- Fis-26 ta' Gunju 2015 l-attrici regghet baghtet messagg lill-konvenut fejn staqsietu: *"Gordon jekk joghgbok kif bqajna ?"*.
- Michelle Bartolo, li tigi oht l-attrici, xehedet li ohtha kienet qaltilha li kien ser issellef €4,000 lill-konvenut. Ziedet tghid: *"Jiena smajt lill-intimat ighid lill-ohti li tlett ijiem ohra kien ser ikollha lura dawn il-flejjes"*. Qalet ukoll li l-flus lill-konvenut inghataw fil-presenza taghha.

12. Hu evidenti li l-konvenut jippretendi li t-Tribunal kellu jemmen il-verzjoni tieghu. Pero' fl-apprezzament tal-provi t-Tribunal ghandu diskrezzjoni wiesa'. Kif qalet din il-qorti fis-sentenza **Carmelo Agius vs John Agius** tat-2 ta' Dicembru, 1994:

    *"l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma ghandux jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja"*.

13. Wara li l-qorti qrat l-atti tiddikjara li mhemm xejn li jista' jwassalha biex tikkonkludi li d-decizjoni tat-Tribunal hi manifestament zbaljata.

**Ghal dawn il-motivi:-**

i. **Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-attrici.**
ii. **Tichad l-appell tal-konvenut.**

**L-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal 10% a karigu tal-attrici u 90% a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.